MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 433/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta’ Mejju, 2009, ghall-habta tal-11.10 a.m., f’Puturjal, il-Furjana w fl-inhawi ta’ Bieb il-Belt, Valletta, bhala l-persuna responsabbli mill-kiosk Fontana Kiosk :
1. espona ghal bejgh helu w oggetti ohra l-barra mil-limiti moghtija ghal kull posta jew hanut minn awtorita’ kompetenti bi ksur tal-A.L. 102/2002 Art. 3 Skeda II;
2. ingombra t-triq jew il-bankina jew ikkaguna inkonvenjent ghal min ikun qed jaghmel uzu dinn dik il-parti tat-triq jew bankinta bi ksur tal-Art. 30(1)(a) tal-A.L. 1/2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Novembru, 2009, li biha,

ma sabitux hati tat-tieni izda hati tal-ewwel akkuza w wara li rat l-Avviz Legali 102/2002, Art. 3 Skeda II, ikkundannatu ammonizzjoni w riprenzjoni (Sic!) jigifieri twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' ammonizzjoni w riprenzjoni w minflok tinfliggi piena skond il-ligi w tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti, filli l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hi, minhabba fix-xorta jew kwantita' taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja nghatat sentenza. Illi l-Ewwel qorti ma setghatx taghti l-piena li effettivament inghata u cioe' dik ta' canfira w twiddiba, stante li piena pekunarja hija wahda tassattiva ghar-reati in dizamina w b'hekk, tali piena moghtija hija definittivament differenti minn dik preskritta bil-ligi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li, skond l-appellant Avukat Generali, ma kienetx dik komminata fil-ligi. L-appellant ghandu ragun.

Illi skond ir-Regolament 53 tal-Avviz Legali 102/2002 u cioe' r-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc, kull min jikser xi dispozizzjoni ta' dawk ir-Regolamenti jkun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, l-istess piena bhal dawk stabbiliti taht l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc.

Umbaghad l-artikolu 29 (a) tal-imsemmi Att jipprovdi li meta persuna tikser xi dispozizzjoni ta’ dak l-Att, tkun hatja ta’ reat u tista’ tehel piena ta’ ammenda ta’ mhux inqas minn mija w sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (E116.47c) imma ta’ mhux izjed minn elf mija w erbgha w sittin euro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69c), jekk tinstab hatja l-ewwel darba.

Ikkonsidrat;

Issa skond l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, l-piena ta’ canfira jew twiddiba hija wahda mit-tlitt pieni alternattivi li tista’ tinghata ghall-kontravvenzjonijiet .

F’ dan il-kaz pero’ l-ligi ma tghidx li l-piena erogabbli hija dik applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet imma ssemmi piena specifika ta’ ammenda li hija ferm oghla mill-parametri tal-ammenda skond l-artikolu 13 (1) tal-istess Kodici fejn din tvarja minn minimu ta’ Euro 6.99c sa massimu ta’ Euro 58.23c.

Jidher ghalhekk car li hawn din l-ammenda f’ ammonti ferm akbar mill-ammenda li solitament tinghata ghall-kontravvenzjonijiet hija wahda specifika w tassattiva u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx minflokha timponi l-piena tac-canfira jew twiddiba kif ghamlet.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher ben fondat fil-ligi w qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata w dan billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu w fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni w minnha lliberatu w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-ammonizzjoni w reprensjoni w minnflok tikkundannah ghall-ammenda ta’ mija w ghoxrin euro (Euro 120), li, jekk ma jithallsux illum stess, jigu konvertiti f’ terminu ta’ hdax (11) il-jum detenzjoni skond l-artikolu 3 (2) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------